# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru erbgħa (4) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 9 ta' Frar, 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Hal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Ex-Segretarju Eżekuttiv |
| | Anthony Attard | Deputtat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Eddie Bonello rrimarka li l-ftehim mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, rigward il-kwistjoni tat-tabella, hi li mhux se mmorru qand id-dipartament sakemm il-kunsillieri taż-Żurrieq ma jaqblux li jresqu t- tabella sa fejn nixtiequ aħna.

4. Publius Abdilla qal li kien hemm bzonn ta' quotations għax-xiri tal-'jaggers' u ma jaqbilx li l-Kunsill qabad u xtrahom.

5. Derren Bonello qal li kellu jibgħat il-minuti tas-seduta preċedenti lil James Catania għax kellu bzonnhom biex jinkarriga lil Anthony Attard bħala d-Deputtat Segretarju Eżekuttiv l-ġdid għalkemm dawn il-minuti ma kienux approvati u iffirmati.

6. Is-Sinsku rimarka dwar is-sitwazzjoni tal-gwardjani, li s-sistema mhix se tispiċċa qabel April. Il-kunsillieri kellhom id-dubju jekk il-gwardjani jagħmlu l-għaxar sigħat kif suppost. Is-Sindku qal li qal l-istess haġa lis-Sur Tony Borg Caruana, u li se jibgħat email lis-sur Borg Caruana biex niċċaraw is-sitwazzjoni rigward is-sigħat tagħhom, speċjalment biex nikklarifikaw li inħalsu ghas-sigħat (10hours) u mhux 'labour hours' (eżempju 2 gwardjani għal 5hrs).

7. Derren Busuttil xtaq spjegazzjoni il-għala kien hemm laqgħa fuqu mingħajr il-kunsens tiegħu u mingħajr il-presenza ta SE. Qal ukoll li ma jaqbilx mal-affarijiet li ntqalu. Spjega li dejjem għamel xogħlu, anka jekk m'ghamilx l-għoxrin siegħa miktub fil-kuntratt. Is-Sindku qal li kien qalu, u saqsa lil Derren Busuttil biex jattendi għal dik il-laqgħa.

8. Intwaqqfet il-laqgħa meta wasal il-Perit Anthony Bezzina. Tkelmu fuq ix-shelter waqt li l-perit ħareġ il-pjanta ghall-kunsillieri. Is-Sindku umbagħad saqsieħ ghal xiex kienu dawk il-kontijiet li kien se jiċċarġjhom u l-Perit ikonferma li kienu għas-surveys. Hu qal li hemm bzonn ta ħafna nies

professjonali għax-xogħol tax-shelthers, kif ukoll il-ġnien t' Alexander Ball, u li jixtieq jagħmel xi ħaġa speċjali biex niġbdu n-nies. Qal ukoll li qiegħed jistenna għall-istimi għal enġinier u li se jzommna aġġornati fuq il-possibilitajiet biex nġibu l-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Wara l-laqgħa s-Sindku silef ktieb ta' Ħal Safi biex jieħu gwida minn fuqu, fuq l-istorja ta' Safi, qabel ma jirritornah.

9. Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 7 ta' Frar filgħaxija, irċieva l-firma tal-Prim Ministru għall-inkarigazzjoni ta' Anthony Attard bħala d-Deputtat Segretarju Eżekuttiv.

10. Is-Sindku rimarka li nhar it-Tlieta 15 ta'Frar gejjin kumpanija biex jaqtaw il-ħaxix mill-postitjiet rurali.

**Korrispondenza**

11. Il-Kunsill irċieva talba mill-impjegatta klerikali Doris Baldachino biex titla minn Skala 15 sa Skala 13. Is-Sindku qal li kien tkellem ma James Catania li kien tah permess biex jieħu l-passi meħtieġa. Derren Busuttil rimarka li hemm bzonn li naraw jekk dan jista jsir peress li Mrs.Baldachino kienet taħdem bħala 'self-employed' qabel. Qablu unaniment li Doris titla sa Skala 13, bil kunsens tad-Dipartament.

12. Il-Kunsill irċieva konfermazzjoni tal-inkarigazzjoni ta Anthony Attard bħala Deputtat S.E mid-Dipartament.

13. Il-Kunsill irċieva talba mingħand Mrs.Marcel Gatt biex tistaqsi għal permess li tuza s-sala għal gymnastics. Iddeċiedew ili s-S.E jibgħat email fejn ngħidula li importanti jkun hu bla ħlas u li hi tkun responsabli għas-sala ghal-ħin li tuzah. Il-Viċi Sindku Publius Abdilla qal li ma xtaqx li jkun hemm l-ebda ftehim magħha qabel ma jkunnu jafu l-kunsillieri kolla.

14. Il-Kunsill irċieva ittra minn il-kuntratur tal-iskart li talab zieda ta €0.80c fil-ġurnata biex jiġbor l-iskart. Hu talab għal dan il-flus minħabba l-fatt li għola d-diesel. Appruvaw li jieħu iz-zieda.

15. Transport Malta kitbu ittra biex il-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' Pedestrian Crossing f'Triq ta' Ġawhar. Il-kunsillieri ma qablux ili jagħmlu l-crossing quddiem is-supermarket għax hi perikuluza wisq. Jerome Busuttil qal li n-nies mhux se joqoghdu jinzlu saz-zebra crossing biex jaqsmu t-triq, waqt li kulħadd qal li hemm wisq spejjez biex jonfqu meta m'hemmx post sensibli fit-triq biex jagħmlu dax-xogħol. Jerome Busuttil qal li forsi jagħmlu pelican lights minflok imma qablu kollha li fiħ izjed spejjez. Irrangaw li matul il-ġranet li ġejjin imorru kolla jaraw il-post u jieħdu deċizzjoni wara.

16. Mr. Stefan Caruana kiteb email biex jistaqsi ghal permess biex jagħmel attivita teatrali f'Ħal Safi. Id-Deputtat S.E se jibgħat l-email lil kunsillieri kolla.

17. Derren Busuttil qara ittra mingħand Ian Ellul ta' Safi Pharmacy fejn ikonferma li hu lest jibgħat 2 spiżjari għal siegħa fix-xahar biex jiċċekjaw il-pressjoni u zokkor tan-nies. Hu ġa għandu kollox lest biex jibda.

18. F'dan il-ħin il-kunsillier Francis Callus ġie skużat u ħareġ mill-laqgħa għax kien sarlu l-ħhin għax-xogħol.

**Ħwejjeġ oħra**

19. Il-kunsillieri kkonfermaw li l-banner biex jirreklimaw il-ground tal-football se titwaħħal max-xibka ġol-ground sa fuq it-tinda.

20. Eddie Bonello qal li l-Perit Robert Musumeci applika ma' Tansport Malta f'isem il-Kunsill biex parti mit-Triq l-Ibragg isir one-way, pero il-kunsilliera ma qablux mal-pjanta.

21. Il-kunsilliera qablu li jneħħu r-rampa li hija għolja f'Triq San Ġwann.

22. Il-kunsilliera fthemu li jagħmlu 'speed limit markings' f'Triq iż-Żurrieq u f'Triq San Ġorġ.

23. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheet nos. 5